**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 t'April 2025**

Rikors Numru: 601/2024 AL

A B

Vs

Dr. Simon Micallef Stafrace u il-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil b'Digriet tat-22 ta' Jannar, 2025 gew mahtura bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C B

(M.R. Numru 1746/1994)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponew:

1. Illi l-partijiet iżżewgu nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija erba` u disgħin (1994), liema żwieġ ġie rreġistrat fir-

Reġistru Pubbliku, hekk kif jirriżulta miċ-Ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dok:SV01;**

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieled tifel wieħed bl-isem ta' D B nhar it-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elf disa’ mija disgħa u sebgħin (1997) u li llum il-ġurnata għandu seba’ u għoxrin (27) sena;

3. Illi t-tifel D B hu maġġorenni u m'hemmx obbligu ta' manteniment u lanqas hemm pendenzi;

4. Ili l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001) minn Nutar Dottor Joseph Debono, kopja ta' liema qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok.SV02;**

5. Illi apparti l-fatt li huma ilhom separati b'kuntratt mis-sena sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001) u li allura ikun sodisfatt dak li hu pprovdut fl-Artikolu 66B(a) tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma ilhom ukoll ma' jgħixux flimkien għal aktar minn sena mis-sentejn preċedenti, hekk kif pprovdut fl-Artikolu 66B(a) tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

6. Illi l-avukat sottoiffirmat jikkonferma l-impossibilita ta’ rikonċiljazzjoni bejniethom tant li llum il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u li saħansitra r-rikorrent m’għandu l-ebda kuntatt mal-intimata tant li l-intimata telqet minn Malta lejn l-Ingilterra diversi snin ilu u llum ir-rikorrenti m'għandux informazzjoni ta' fejn qiegħda tgħix jew x'sar minnha;

7. Illi l-partijiet irrinunzjaw reċiprokament għall-ħlas ta' manteniment mingħand xulxin u dan kif indikat fil-klawżola Numru disa’ (9) tal-kuntratt tas-separazzjoni hawn fuq imsemmi u;

8. Illi għalhekk il-partijiet m'għandhom l-ebda pretensjoni kwalsiasi fil-konfront ta' xulxin inkluż ebda ħlas ta' manteniment;

9. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikoli 66A u 66B rispettivament tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet iċċelebrat nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta Settembru tas-sena elf disa' mija erba' u disgħin (1994), huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex sabiex entro t-terminu ffisat mill-istess Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ;

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimata minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati preżentata fit-3 t'April 2025 li permezz tagħha jgħidu:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-atti u għalhekk qegħdin jirriservaw d-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'kaz u jekk jiġu edotti mill-fatti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Jannar 2025;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Gunju 2001;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.